



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2012/2098(INI)

25.10.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Committee on Legal Affairs

dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva: imġiba kummerċjali responsabbli
u trasparenti u tkabbir sostenibbli
(2012/2098(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Richard Howitt

(*): Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifaħħar l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex twettaq sħarriġ tal-Ewrobarometru dwar il-fiduċja fin-negozju; jaqbel li r-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) tista' tikkontribwixxi b'mod sħiħ biex terġa' titkattar il-fiduċja mitlufa peress li dan hu assolutament meħtieġ għall-irkupru ekonomiku;
2. Jenfasizza li l-ko-regolamentazzjoni u l-awto-regolamentazzjoni ma jistgħux jissostitwixxu regolamentazzjoni xierqa fi kwalunkwe mill-oqsma koperti mis-CSR, iżda jemmen li jistgħu jappoġġaw inizzjattivi eżistenti tas-CSR privati u volontarji billi jġigu stabbiliti prinċipji minimi biex tiġi żgurata l-konsistenza, il-materjalità, il-kontribut minn partijiet interessati multipli u t-trasparenza;
3. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tniedi 'Komunità ta' Prattika' dwar is-CSR; iqis li dan għandu jkun kumplimentarju għall-kodiċi ta' prattika tajba għall-ko-regolamentazzjoni u l-awto-regolamentazzjoni, billi l-partijiet interessati kollha huma permissi li jimpenjaw ruħhom fi proċess ta' taġħlim kollettiv sabiex tittejjeb l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont tal-azzjonijiet tas-CSR b'partijiet interessati multipli;
4. Jappoġġa bi sħiħ l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva dwar id- 'divulgazzjoni mhux finanzjarja' min-negozji; javża li l-użu tat-terminu 'mhux finanzjarja' m'għandux jaħbi l-konsegwenzi finanzjarji verament reali għan-negozju tal-impatti soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob għal proposta ambizzjuża li tqiegħed lill-UE fil-qalba tal-bosta inizzjattivi internazzjonali attwali dwar ir-rappurtar mandatorju tas-sostenibbiltà korporattiva u li tkun kompletament konformi mal-obbjettiv tal-kisba ta' Rappurtar Integrat, kif inhu żviluppat issa mill-IIRC, in-norma globali sa' tmiem id-deċennju;
5. Jikkundanna l-korruzzjoni korporattiva u l-evażjoni tat-taxxa; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel enfasi fuq dawn il-kwistjonijiet fid-dibattitu tas-CSR taħt it-titolu 'governanza tajba';
6. Jenfasizza li r-rabta bejn ir-responsabbiltà korporattiva tajba u l-governanza korporattiva tajba tista' tinkiseb biss jekk is-CSR tkun parti standard tal-kumpanija li taffettwa l-istrateġija finanzjarja ta' kuljum; jemmen li l-Kummissjoni għandha tesplora l-opportunitajiet biex tiżgura li jintlaħaq ftehim dwar l-istrateġija tas-CSR fil-livell tal-bord.